# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 27

Data tal-laqgħa: 17 ta' Novembru, 2020

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tlieta, 17 ta' Novembru 2020 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**27/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**27/01/01** Ma kienx hemm.

**27/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 25 u 26**

**27/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**27/02/02** **Para 25/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Perit ħejja stima (€22,375.75) tax-xogħol ta' tisbiħ fuq il-latrina pubblika. Ġie deċiż li nagħmlu kuntatt mal-Ministru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur Onor. Julia Farrugia Portelli.

**27/02/03** **Para 25/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Oscar Mangion beda x-xogħol fuq il-*bollards.*

**27/02/04** **Para 25/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima rigward il-ground ta' Xwieki peress li Sport Malta qeda f'kawża l-Qorti vs B'Kara St. Joseph.

**27/02/05** **Para 25/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt kemm mal-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol Owen Bonnici kif ukoll mal-Awtorità tal-Artijiet biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja.

**27/02/06** **Para 25/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikajna biex inġibu fondi mill-UIF għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna.

**27/02/07** **Para 25/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kuntrattur tal-Infrastructure Malta ma għaddiex il-*cables* biex titqabbad il-bozza l-ġdida ta' Triq iċ-Ċawl. Is-Sur Christopher Fenech qal li għandna

ninfurmaw lil Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, l-Ing. F. Azzopardi u l-AKL. Kif ukoll forsi ngħidu lil Contracts Manager biex jagħti titwila x-xogħlijiet li jkunu qed jagħmlu ħalli jekk ikun hemm xi ħaġa nieqsa jinduna. Dan għaliex wara li l-Infrastructure Malta jtemmu x-xogħlijiet it-triq tiġi taħtna. Is-SE qalet li strettament il-Contracts Manager resposabbli mill-Kuntratturi tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li x-xogħol li kellu jagħmel il-Kunsill għamlu. Ġie deċiż li ssir laqgħa urġenti mal-Perit tal-Infrastructute Malta u l-Enemalta biex tinstab soluzzjoni.

27/02/08 **Para 25/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Salvu Fenech lesta l-bieb tal-kuritur t'isfel kif ukoll bidel waħda mis-sellaturi tal-bieb tal-uffiċċju.

27/02/09 **Para 25/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-*sleeping police* qrib il-ħruġ tal-McDonald's saret.

27/02/10 **Para 25/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nippreparaw *expression of interest* biex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata.

27/02/11 **Para 25/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate. Is-Sindku qalet li xi nies kissru l-grada u immedjatament irrappurtat lill-pulizija. Hi ssuġġerit li wara li tal-Ferħa Estate jiġi devolut lilna jsir PPP u dan post jiġi żviluppat f'*Day Centre* u *Night Shelter*.

27/02/12 **Para 25/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Reġjun Tramuntana għadu ma installax iż-żewġ CCTV Cameras fil-Ġnien ta' Żagħruna.

27/02/13 **Para 25/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li reġgħet fakkret lil Maltapost p.l.c biex il-*letterbox* timxi minn fejn l-għassa għal pjazza.

27/02/14 **Para 25/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għadna qed nistennew risposta fuq il-korrispondenza minn Dr David H Harding – Re il-post tal-klijenti tiegħu ġewwa Għargħur użat ukoll għal Health Services tal-Gvern, Leap kif ukoll mill-Pulizija bħala l-Għassa tal-Għargħur.

27/02/15 **Para 25/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*pole* u l-bankina perikoluża fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadhom hemm u li x-xogħol għadu għaddej.

27/02/16 **Para 25/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li x-xogħol fuq iz-*zebra crossings* ta' Triq San Bartilmew beda u jonqos iz-*zebra crossings* ta' Triq Stiefnu Zerafa.

27/02/17 **Para 25/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li se nippruvaw li Triq Għaxqet l-Għajn minn bollard sa bollard issir mill-fondi li G&P Borg obbligat li jħallas lill-Kunsill mill-kundizzjonijiet tal-PA fuq il-permess PA/06203/08.

27/02/18 **Para 25/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur qed jagħmel *refreshing* tal-*speed limits* li għandna madwar ir-raħal.

27/02/19 **Para 25/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* ġodda fi Triq in-Naxxar saru.

27/02/20 **Para 25/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq Għaxqet l-Għajn 'l isfel mill-Madonna tal-Ġebla l-Kbira għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

27/02/21 **Para 25/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi xhur li ġejjin il-Cleansing and Maintenance Division ser jipprovdu CCTV camera għal ħdejn l-Sptar tal-Ferħa.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**27/02/22** **Para 25/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed insegwu fuq il-ħajt fi Triq San Bartilmew.

**27/02/23** **Para 25/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jonqosha ritratt antik ta' għajn tal-ilma għal *information panel*. Is-Sur Christopher Fenech se jipprovdi ritratt.

**27/02/24** **Para 25/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv uriet id-disinn li għamel il-Perit tal-*bus shelter* f'Misraħ il-Knisja. Is-Sur Christopher Fenech qal li s-saqaf għandu jiġi dritt u ma hemmx disinji, kif ukoll mal-ġenb ikun hemm lqugħ. Is-Sur Abraham Aquilina qal li ħa jkun hemm min joġġezzjona fuq l-estetika. Is-Sur Aquilina qal li l-*bus shelter* kemm jista'jkun ma għandux joħroġ 'il barra u noqgħodu attenti mill-arblu. Is-Sur Aquilina qal li għandna ninfurmaw lil Kappillan. Is-Sur Fenech qal li aħna diġà konna tkellimna miegħu u ma qabilx. Is-Sindku qalet li jekk ikun hemm min joġġezzjona aħna noħorġu stqarrija ħalli r-residenti jkunu infurmati. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/02/25** **Para 25/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq San Bartilmew mal-ħajt ta' Primadent Dental Clinic qed tixgħel.

**27/02/26** **Para 25/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bieb tal-a*luminum* bil-ħġieġ *double glazed* fl-Uffiċċju Amministrativ sar.

**27/02/27** **Para 25/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq l-applikazzjoni biex issir Cat Café fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**27/02/28** **Para 25/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kuntrattur ser jimplimenta sinjali fi Triq Għaxqet l-Għajn ħalli n-nies isuqu u jipparkjaw sew.

**27/02/29** **Para 25/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser indaħħlu applikazzjoni għal fondi mill-Majjistral Action Group Foundation għad-dawl kemm għat-Torri tas-Semaforu kif ukoll għal bini tal-Kunsill.

**27/02/30** **Para 25/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta uffiċjali mill-Street Naming Committee sabiex Triq il-Mitħna tiġi Sqaq il-Mitħna.

**27/02/31** **Para 25/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Transport Malta approvat li ssir *sleeping police* fi Triq il-Ġnien (lejn il-Madliena).

**27/02/32** **Para 25/02/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Muzzan irranġa l-*gate* tal-Ġnien ta' Żagħruna.

**27/02/33** **Para 25/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li żewġ *bollards* għal Triq il-Qiegħed direzzjoni lejn Triq il-Kbira ma sarux.

**27/02/34** **Para 25/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-erba' toqob li talbet l-Għaqda tan-Nar ma sarux.

**27/02/35** **Para 25/02/42:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Ministru Dr Ian Borg biex issir parti mit-Triq Għaxqet l-Għajn taħt is-siġar (min-naħa ta' Triq il-Ġnien) u irċevejna risposta biex niktbu lil Awtorità tal-Ippjanar.

**27/02/36** **Para 25/02/44:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq Santa Katerina min-naħa ta' Triq tal-Balal għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

**27/02/37** **Para 25/02/49:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-applikazzjoni biex ninnominaw persuna mill-Għargħur għal Premju Soċjetà Ġusta tagħlaq fl-20 ta' Novembru 2020.

**27/02/38** **Para 25/02/54:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur ta' Infrastructure Malta se jieħu ħsieb li ssir *road hump* fil-bidu ta' Triq Għaxqet l-Għajn (min-naħa ta' Triq il-Ġnien).

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**27/02/39** **Para 25/02/56:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li biex issir *road hump* ħdejn numru 3 fi Triq il-Mitħna, ir-residenti ta' din it-triq iridu jiffirmaw karta li qed jaqblu.

**27/02/40** **Para 25/02/58:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li weħel fanal ġdid fi Sqaq Rużarju imma għadu jrid jitqabbad mill-Enemalta plc.

**27/02/41** **Para 25/02/59:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed isir eżerċizzju biex naraw fi xħin qed jitilgħu l-*buses* f'Misraħ il-knisja (fi ġranet u ħinijiet differenti) u numru ta' nies li qed jużawhom.

**27/02/42** **Para 25/02/60:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-persuna li ħarġet bl-idea li jkun hawn *Community Garden* ħa tibgħatilna proposta ta' kif ser jaħdem. Is-Sa. Marilena Hassan issuġġeriet li fil-Ġnien ta' Żagħruna nagħmlu gradi żgħar biex ikunu jistgħu jaċċessaw il-ħamrija. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/02/43** **Para 25/02/61:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ż-żewġ *bollards* fi Triq Mons L. Catania (fil-biċċa t'isfel) ma sarux.

**27/02/44** **Para 25/02/63:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fl-aħħar ta' din il-ġimgħa jew fil-bidu tal-ġimgħa d-dieħla, mis-Sezzjoni tal-Immaniġjar tal-Widien ser inaddfu r-rimi illegali minn Wied Anġlu u mit-Triq John Adye.

**27/02/45** **Para 25/02/64:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bank li kien fuq bankina fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu tneħħa.

**27/02/46** **Para 25/02/65:** Is-Segretarju Eżekuttiv kkuntattjat lill-perit biex jipprepara stima biex isir proġett fejn il-grawnd tal-futbol jinbidel f'*car park* u saqaf ikun żviluppat f'*pitch* tal-*football* li jkun jilħaq l-ogħla *standards*.

**27/02/47** **Para 25/02/66:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed taħdem fuq is-sistema ta' permessi *online*.

**27/02/48** **Para 25/03/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mera fi Sqaq Ħofra faċċata ta' *Childcare Centre* għadha ma saritx.

**27/02/49** **Para 25/05/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li applikajna għal Finanzjament għall-krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-ibliet u l-irħula f'Malta u Għawdex minħabba l-proġett Slow Streets. Is-Sur Abraham Aquilina qal li r-Reġjun Tramuntana se jipprovdi €3000 għal kull Kunsill.

**27/02/50** **Para 25/05/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tranġar tal-bankina ta' Triq il-Mitħna għadu ma sarx.

**27/02/51** **Para 25/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* ġodda fi Triq Mons Luigi Catania għadhom ma sarux.

**27/02/52** **Para 25/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi Triq Fidiel Zarb weħel *dog bin* ġdid.

**27/02/53** **Para 25/05/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bank li kien fuq bankina fi Triq Giovanni Gafa' tneħħa.

**27/02/54** **Para 25/05/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* ġodda fi Triq l-Indipendenza k/m Triq Mattia Preti għadhom ma sarux.

**27/02/55** **Para 25/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*cat eyes* fi Triq in-Naxxar saru.

**27/02/56** **Para 25/05/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġà hemm *yellow lines* 'l isfel mill-Għar San Brinkat.

**27/02/57** **Para 25/05/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li xtrajna tliet qsari għal ħdejn il-kappella ta' Triq San Nikola.

**27/02/58** **Para 25/05/23:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bozza ma' arblu fejn kien hemm Joe l-sprayer fi Triq San Ġwann ma saritx għax l-arblu tneħħa. Il-Kuntrattur tad-dawl issuġġerixxa li tiġi faċċata. Is-Sindku ser tagħmel kuntatt mar-resident biex tara jekk jaqbilx.

**27/02/59** **Para 25/05/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħdejn l-Oratorju weħel *bin* ġdid.

**27/02/60** **Para 25/05/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li appellajna fuq il-permess PA 2995/20 [*Location of development: Site at, Triq Kromb il-Bahar, Sqaq Charlotte, Gharghur; Description of works: To renew to construct 4 residential units with underlying garages; Applicant: Mr Joseph Bezzina*].

**27/02/61** **Para 25/05/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv dwar il-ħajt li se jinbena fi Triq John Adye qalet li PA application number huwa PA7195/20 u jiskadi fis-27 ta' Novembru 2020.

**27/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**27/03/01** Is-Sindku qalet li din is-sena mhux ħa tieħu l-inkariġu li tagħmel attivitajiet għall-Milied. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sindku ssuġġeriet li minflok l-attività ta' tfal, nistgħu narmaw vann tal-Kunsill bl-i*speakers*, ngħidu li Sur R. Gauci jilbes ta' *Father Christmas* u jqassam ir-rigali li l-ġenituri jkunu xtraw għat-tfal tagħhom. Is-Sur Abraham Aquilina qal li dawk il-ġenituri interessati għandhom jaqtgħu biljett. Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li l-aħna nagħtuhom borża ħelu jew ktieb. Is-Sindku qalet li aħjar ktieb biex nkomplu nippromwovu l-qari. Is-Sur Fenech qal li idealment din issir il-Ħamis, 24 ta' Diċembru mit-3:30pm 'il-quddiem. Kien hemm qbil unanimu.

**27/03/02** Is-Sindku qalet li din is-sena s-Soċjetà Filarmonika San Bartilmew mhux se tieħu ħsieb l-Armar b'Dawl Dekorattiv għall-Milied. Is-Sur Abraham Aquilina qal li din is-sena s-Soċjetà Filarmonika San Bartilmew ħarġu bl-idea li jagħmlu kunċert fis-sala tagħhom u jixxandar fuq Facebook. Is-Sur Christopher Fenech qal li ma jaħsebx li se jarawhom ħafna nies. Is-Sur Fenech ssuġġerixxa li tal-banda fi żmien il-Milied jarmaw bl-i*speakers* fil-pjazza, Triq San Bartilmew u fi Triq San Nikola u jdoqqu diski tal-Milied. Is-Sur Aquilina qal li qabel kienu jagħmluha b'xejn iżda kien ikun hawn ħafna tgergir. Is-Sur Fenech suġġerixxa li tal-banda jduru dawra mar-raħal u jixegħlu xi bambin. Dan għaliex aħna l-iktar li rridu nilħqu l-anzjani, il-morda u l-vulnerabbli. Il-Kunsill qed jitlob servizz. Is-Sur Aquilina qal l-aħjar ħaġa li l-kumitat jiltaqa' mal-Kunsill. Is-Sa. Marilena Hassan qalet li huma jistgħu jirrekordjaw diski tal-Milied u dawn jindaqqu permezz tal-i*speakers*. Is-Sur Fenech qal li inkella jistgħu jsibu vann, jarmawh bl-i*speakers* u jduru bil-*Father Christmas* madwar it-toroq tal-Għargħur u b'hekk in-nies ikunu jistgħu jarawhom mit-tieqa jew mill-gallarija. Is-Sur Aquilina qal filkas minflok il-*Father Christmas* joħorġu bambin. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/03/03** Is-Sindku qalet li ġibna stima mid-Dolceria Appettitosa, biex fuq suġġeriment ta' Sur Christopher Fenech, matul ix-xahar ta' Diċembru naħsbu fl-anzjani tar-raħal u nagħtuhom *tray* żgħir li jikkonsisti minn bicca *christmas cake, mince pie* u qagħaqa tal-għasel. Is-Sur Abraham Aquilina staqsa kemm se jiġi jiswa kull *tray* u s-Segretarju Eżekuttiv qalet li €4.50 kull wieħed. Is-Sindku qalet li għandna nsaqsu lill-għaqdiet jekk iridux iqassmuhom. Is-Sur Christopher Fenech qal li għandna nagħtu €200 lil kull għaqda li ser toffri dan is-servizz. Is-Sindku qalet li kemm l-Għaqda tal-Armar kif ukoll is-Soċjetà Filarmonika San Bartilmew ma għandhomx jieħdu sehem, peress li se jagħmlu affarijiet oħra. Għalhekk, ħa ssir laqgħa ma' dawn l-għaqdiet: l-Għaqda Monument San Bartilmew, l-Għaqda tan-Nar, Għargħur FC u Dwal Ġodda. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/03/04** Is-Sindku qalet li rċevejna korrispondenza minn Infrastructure Malta rigward Sqaq tal-Balal. L-Infrastructure Malta qed tirrifjuta milli tagħmel kisi mill-ġdid peress li l-isqaq għadu fi stat tajjeb. Għaldaqstant, issuġġeriet li jsir sqaq ieħor fl-istess triq. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/03/05** Is-Sindku resqet li teħel bozza ġdida fin-niżla ta' Triq San Bartilmew. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/03/06** Is-Sindku resqet li teħel bozza ġdida fi Triq il-Ġnien ħdejn Ta' Cuschieri Apartments. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/03/07** Is-Sindku resqet sabiex l-ikla tal-Milied isir fil-11 jew fit-18 ta' Diċembru. Barra minn hekk, se jiġi organizzat van. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/03/08** Is-Sindku resqet li ssir tabella tal-muturi fi Triq Caravaggio. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**27/04/01** Ma kienx hemm.

**27/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**27/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 14 ta' Ottubru 2020).

**27/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Lianne Mifsud – Ċir AKL 2020/116 *Outdoor Potable Water dispensers.*

**27/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-President Reġjonali s-Sur Anton Mifsud sabiex flimkien nagħmlu Kalendarju Reġjonali, kull xahar se jkun qiegħed juri post prominenti minn kull lokalità. Kif ukoll sabiex nagħmlu l-Arma Reġjonali mżejjna fit-toroq tagħna.

**27/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mario Fava biex niddiskutu l-stima tal-latrina pubblika u nistudjaw il-possibilitajiet kollha li jista' jkun hemm.

**27/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 28 ta' Ottubru 2020).

**27/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur George Abdilla – Ir-Reġjun Tramuntana approva li l-kunsilli kollha ser jibbenefikaw minn għotja ta' €1000 biex tintuża f'dekorazzjonijiet addizzjonali tad-dawl tal-Miled, preferibbilment f'żoni ġodda.

**27/05/07** Fuq it-talba ta' residenta biex ikun hemm *basket hoop* fi Ġnien il-Paċi. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**27/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Margaret Psaila – Qed issir referenza għall-laqgħa annwali li għandha tinżamm sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru ta' kull sena. F'din il-laqgħa il-Kunsill jippreżenta l-estimi finanzjarji qabel il-laqgħa li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja 2021.

**27/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Lianne Mifsud – Ċir AKL 2020/126 Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2021.

**27/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 4 ta' Novembru 2020).

**27/05/11** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 11 ta' Novembru 2020).

**27/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mill-Awtorità tal-Artijiet – GLA1 – Request to The Lands Authority for The Disposal of Government Property (Area beside football ground, Triq Stiefnu Zerafa, Għargħur).

**27/05/13** Ġiet innutata korrispondenza mill-Big Friends Guggen Musik Malta – Kwotazzjoni Milied b'differenza.

**27/05/14** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Roderick Caruana minn Infrastructure Malta - Qed issir referenza għal Sqaq tal-Balal f'Ħal Għargħur u l-ftehim bejn IM u l-Kunsill Lokali b'rabta mal-*grant agreement* ma' FPD (bħala l-*Managing Authority*) permezz tal-fondi tal-EAFRD - Miżura 4.3. Saret spezzjoni u ġie nnutat li l-wiċċ tat-triq għadu tajjeb u għalhekk IM qed tirrifjuta milli tagħmel kisi mill-ġdid għax dan jista' jwassal għal użu ħażin ta' fondi li jista' jkollhom implikazzjonijiet mhux mixtieqa. Ġie deċiż li l-Kunsill jinforma lill-MA b'dan l-iżvilupp permezz ta' talba għal bidla u forsi jkun jista' jsir sqaq ieħor fl-istess triq.

**27/05/15** Fuq it-talba ta' resident sabiex isir *double yellow line* faċċata ta' garaxx fi Triq il-Kbira. Ġie deċiż li jekk ser jinqata' parkeġġ ma jsirx.

**27/05/16** Fuq it-talba biex isir *sleeping police* fi Triq l-Oratorju. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**27/05/17** Fuq it-talba ta' resident għal kaptell tal-ħadid fi Triq San Ġwann ħdejn il-garaxx tiegħu (faċċata ta' The Golden Chick. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/05/18** Fuq it-talba minn Uffiċjal tal-LESA biex isir *directional sign* sabiex il-vetturi jduru lejn il-lemin (lejn il-pjazza jew lejn Triq Ferdinandu) fi Triq Mons L. Catania. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**27/05/19** Fuq it-talba ta' residenta għal tabella *No Vehicles* fi Triq Għaxqet l-Għajn. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill diġà applika għal proġett *Slow Streets.*

**27/05/20** Fuq it-talba ta' residenta għal *parking bay* fi Triq Katerina Sammut. Ġie deċiż li nieħdu parir minn Transport Malta.

**27/05/21** Fuq it-talba ta' resident biex il-bankina li niksru għal Triq Dun Salvatore Zarb min-naħa ta' Triq Caravaggio tiġi parkeġġ. Ġie deċiż li nieħdu parir minn Transport Malta.

**27/05/22** Fuq it-talba ta' residenta sabiex fis-snin li ġejjin il-Kunsill Lokali jkompli jgħin lill-Cat Feeders. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/05/23** Fuq it-talba ta' resident sabiex *single white line* jiġi *double yellow line* fi Triq in-Naxxar. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/05/24** Is-Sur Abraham Aquilina qal li Reġjun Tramuntana ser jorganizza *Christmas Party* nhar l-Erbgħa, 23 ta' Diċembru 2020.

**27/05/25** Is-Sa. Marilena Hassan qalet li l-*dog bins* għandhom jinħaslu aktar spiss. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/05/26** Is-Sur Abraham Aquilina ssuġġerixxa li ninstallaw *bin* ġdid qrib l-Għar San Brinkat. Il-Kunsill qabel unanimament. Is-Sindku kif ukoll is-Sur Christopher Fenech qalu li rridu noqgħodu attenti fejn ser inpoġġuh minħabba l-karozzi.

**27/05/27** Is-Sur Abraham Aquilina ssuġġerixxa li jsiru tabelli fi Triq Caravaggio sabiex iħeġġu lin-nies jiġbru l-ħmieġ tal-kelb tagħhom. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/05/28** Is-Sur Christopher Fenech ssuġġerixxa sabiex fl-isqaqien fejn ma jidħlux karozzi, ngħidu lil ħaddied joħloq speċi ta' ħnejja tal-ħadid fid-daħla tal-isqaq. Hu spjega li eżempju nistgħu nibdew mill-isqaq ta' wara l-mużew u mbagħad nixtru xitla li tixxeblek mal-ħnejja. Is-Sur Abraham Aquilina qal li l-aħjar li jsiru fl-isqaqien li ma jgħaddux vetturi li jgħatu servizz. Barra minn hekk, is-Sur Carl Grech qal li għandna niċċekkjaw mal-Perit jekk irridux napplikaw mal-Awtorità tal-Ippjanar peress li l-istruttura ħa teħel f'art pubblika u biex ma missux mal-ħitan tan-nies. Is-Sur Grech spjega li anki fl-isqaqien ta' madwar il-knisja jiġu sbieħ. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/05/29** Is-Sur Christopher Fenech qal li l-Partit Laburista ħa jagħlaq 100 sena u ressaq li jħawlu siġra. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/05/30** Is-Sindku qalet li kien hemm residenti li talbu li jitneħħa l-*bollard* ta' Sqaq ir-Ružarju. Is-Sur Christopher Fenech qal li jaqbel li tintbgħat ittra lir-residenti ta' dan l-isqaq u insaqsuhom jekk jaqblux li jitħalla aċċess biex il-vetturi jidħlu u joħorġu mill-isqaq imma mhux jipparkjaw. Is-Sur Abraham Aquilina qal li kull meta jitneħħa l-*bollard,* jidħlu ħafna rapport fuq ħsarat u spjega li residenti jafu li l-isqaq dejjaq. Is-Sur Aquilina qal li hu ma jaqbilx. Waqt li s-Sindku, Viċi Sindku, is-Sur Christopher Fenech u s-Sur Carl Grech jaqblu li nimxu skont dak li jridu r-residenti. Is-Sur Fenech qal li min għamel it-talba dejjem jista' jiġi l-Kunsill għaċ-ċavetta, iniżżel li għandu jniżżel, iżda l-karozza terġa' toħroġ barra l-isqaq. Is-Sur Fenech qal li hu tal-idea li naraw kull fejn għandna *bollard* u fejn ma mhumiex bil-permess aħna napplikaw ma' Transport Malta. Barra minn hekk, qal li għandna napplikaw ma' TM qabel ma jsiru l-*bollards* il-ġodda sabiex ma jkollniex problemi. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/05/31** Is-Sur Christopher Fenech qal li l-Ministru responsabbli mit-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur nieda skema rigward it-tħawwil ta' siġar fl-ibliet u l-irħula Maltin. Is-Sur Fenech qal li bħala Kunsill diġà urejna interess u t-tħawwil ta' siġar ħa jsir fis-Searchlight Battery. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/05/32** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li jsir kaptell ġdid fi Triq E. Perren. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/05/33** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċevejna kwotazzjoni waħda għal Armar b'Dawl Dekorattiv għall-Milied 2020-2021 minn Jurginny Installations. Total inkluż l-arloġġi tad-dawl €4680. Kien hemm qbil unanimu li tiġi approvata din il-kwotazzjoni.

**27/06 Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart (Lulju – Settembru)**

**27/06/01** Is-Sindku ppreżentat ir-Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart u pproponiet l-approvazzjoni tar-rapport kif ippreżentat. Il-Kunsill qabel unanimament.

**27/07 Aggudikazzjoni tat-Tender for the Street Sweeping in the Locality of Ħal Għargħur using Low Emission Service Vehicle**

**27/07/01** Il-bord tal-għażla kien magħmul mis-Sur Christopher Falzon bħala c-Chairperson, Dr John Gauci, is-Sur Michael Debono u s-Sur Kenneth Brincat bħala evalwaturi kif ukoll is-Sa. Maria Tanti bħala s-Segretarju. Il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt jingħata lil Waste Collection Limited.

**27/08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**27/08/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**27/09** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**27/09/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:30p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2020 fil-5:00pm. Il-Laqgħa Annwali tal-Lokalità ħa ssir it-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2020 fis-6:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**